# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 1**

**Rikors numru 174/10JZM**

**Jason Aquilina f'ismu proprju u bħala azzjonista fis-soċjeta` St Philip Caterers Ltd**

**v.**

**Antoine Camilleri f'ismu proprju u fil-kwalita` tiegħu bħala direttur ta' St Philip Caterers Ltd; u St Philip Caterers Ltd (C30507)**

**PRELIMINARI:**

1. Dawn huma **żewġ appelli** mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Mejju 2014:

(i) **wieħed ad istanza tal-konvenuti** li permezz tiegħu

qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel, it-tieni, il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi, tħassarha fil-bqija tagħha, u konsegwentement, anke bl-akkoljiment tal-eċċezzjonijiet l-oħra tagħhom, tiċħad it-talbiet l-oħra tal-attur, kif ukoll tilqa' t-talbiet rikonvenzjonanti billi jew tillikwida d-danni kif mitlub fil-kontro-talba jew tirrimanda lill-ewwel Qorti għal dan il-għan, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

(ii) **u l-ieħor ad istanza tal-attur** li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti biex tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha fejn laqgħet parzjalment it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut u konsegwentement ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet tiegħu (l-attur), u invece tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tiegħu, u tiddikjara li l-konvenut Antoine Camilleri għandu jiġi kkundannat iħallsu l-ammont ta' €18,489.32 rappreżentanti l-ammont li huwa ħallas lill-bank HSBC bħala garanti tal-konvenut, u dan ai termini tal-Artikolu 1942 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**I. Preliminari**

"Rat ir-**rikors ġuramentat** prezentat fit-23 ta` Frar 2010 li jaqra hekk –

*"1. Illi r-rikorrent huwa shareholder fis-socjeta` konvenuta flimkien mal-konvenut, li huwa wkoll direttur fl-istess socjeta`;*

*"2. Illi l-konvenut dahal bi shab mar-rikorrent fl-istess socjeta` konvenuta wara li xtara l-ishma ta` certu Peter Saffrett, u sabiex il-konvenut seta` jixtri dawn l-ishma, ir-rikorrent ghamel tajjeb lill-istess konvenut bhala garanti, ghal dejn mal-bank HSBC fl-ammont ta` LM72,000, ekwivalenti ghal mija u sebgha u sittin elf seba` mija u sittin Ewro (€167,760);*

*"3. Illi sussegwentement, il-konvenut biegh proprjeta` li kellu gewwa Hal-Qormi u hallas mija u sittax-il elf u hames mitt Ewro (€116,500) mill-imsemmi dejn biex b`hekk l-ammont li baqa` jiggarantixxi r-rikorrent kien ta` wiehed u hamsin elf mitejn u sittin Ewro (€51,260);*

*"4. Illi l-kontendenti kienu garanti flimkien ghal dejn tas-socjeta` konvenuta mal-bank HSBC, ossia mija u sitta u tmenin elf, tliet mija u sitta u hamsin Euro u erbatax-il centezmu (€186,356.14) u dan kif jirrizulta mid-dokument tal-istess bank (kopja annessa u mmarkata DOK 'JJA1');*

*"5. Illi minkejja li r-rikorrent kien direttur tas-socjeta` konvenuta sas-6 ta` Mejju 2009 meta dan irrizenja kif tixhed il-Form K hawn annessa bhala DOK 'JJA2', it-tmexxija assoluta tas-socjeta` konvenuta, inkluz pagamenti u ffirmar ta` cekkijiet, kienet dejjem f`idejn il-konvenut Camilleri li sahansitra kellu paga ta` mitejn Lira Maltin (Lm200) fil-gimgha bhala direttur manigerjali tal-istess socjeta` konvenuta;*

*"6. Illi r-rikorrent kien ta` spiss jitlob kopji tal-accounts tas-socjeta` konvenuta lill-konvenut Camilleri biex dawn jigu diskussi mal-konsulent finanzjarju tal-istess socjeta`, ossia Lawrence Camilleri, sabiex jivverifikaw illi s-socjeta` tinsab f`qaghda finanzjarja vijabbli;*

*"7. Illi sal-ahhar tas-sena 2007, is-socjeta` konvenuta kienet f`qaghda finanzjarja stabbli u dan kif jixhdu estratti tal-accounts tas-sena hawn annessi bhala DOK 'JJA3';*

*"8. Illi r-rikorrent baqa` jitlob kopja tal-accounts tas-sena bazi 2008 stante illi sussegwentement, il-konvenut naqas milli jissupplixxi lir-rikorrent bl-accounts minkejja li dan talabhom diversi drabi. Inoltre, fis-sena 2009 sahansitra*

*gie nieqes inspjegabbilment il-kompjuter li fuqu kienu jinzammu l-accounts tas-socjeta` konvenuta;*

*"9. Illi ghall-habta ta` Novembru tas-sena 2008, il-konvenut avvicina lir-rikorrent sabiex tal-ewwel jixtri sehem tal-ahhar fis-socjeta` konvenuta basta r-rikorrent jitlob prezz ragonevoli. Ir-rikorrent talab l-ammont ta` tlieta u hamsin elf hames mija u hamsa u sebghin Ewro (€53,575), rapprezentanti l-bilanc dovut minnu fuq tax-shareholders loan li giet verifikata dak il-hin stess minn certu Raisa Borg, li dak iz-zmien kienet impjegata tas-socjeta` konvenuta. F`dan ir-rigward hemm kawza separata pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti, ossia kawza numru 135/10 JZM;*

*"10. Illi bejn Mejju 2006 u Novembru 2008, il-konvenut kien jaghmel il-pagamenti fuq id-dejn tieghu mill-bank regolarment, izda naqas li jkompli jaghmel dan wara l-imsemmi perjodu u l-bilanc rimanenti, ossia tmintax-il elf, erba` mija u disgha u tmenin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€18,489.32) thallsu mir-rikorrent nhar it-18 ta` Dicembru 2009 sabiex dan jissalvagwardja d-drittijiet u jonora l-obbligi tieghu ta` garanti, u dan kif jixhed il-kuntratt hawn anness bhala DOK 'JJA4' ;*

*"11. Illi fl-istess zmien, il-konvenut sahansitra mar il-bank minn wara dahar ir-rikorrent, li dak iz-zmien kien ghadu direttur tas-socjeta` konvenuta, u ghamel excess facility ta` erbghin elf Ewro (€40,000) fuq il-kont tal-istess socjeta` u dan minkejja li Artiklu 6 tal-Memorandum and Articles tal-imsemmija socjeta` (kopja annessa DOK 'JJA5'), jistipula illi dejn jista` jigi kkuntrattat mis-socjeta` biss segwenti risoluzzjoni tal-bord tad-diretturi, liema risoluzzjoni qatt ma giet proposta u konsegwentement qatt ma ttiehdet ;*

*"12. Illi permezz tal-istess kuntratt imsemmi f`paragrafu 11, ir-rikorrent hallas ukoll, bhala wiehed mill-garanti, dejn attribbwibbli lis-socjeta` konvenuta u dan fl-ammont ta` mija u sitta u tmenin elf, tliet mija u sitta u hamsin Ewro u erbatax-il centezmu (€186,356.14) ;*

*"13. Illi l-konvenut Camilleri ma onorax l-obbligi tieghu bhala direttur manigerjali tas-socjeta` konvenuta billi naqas milli jissottometti returns ta` l-istess socjeta` ma` l-Awtorita` dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA) milli jhallas diversi kontijiet u/jew kontribuzzjonijiet tad-dawl, tal-ilma, tas-servizzi telefonici, tas-sigurta` socjali, tat-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) u ta` numru kbir ta` suppliers ta` l-istess socjeta` konvenuta kif jistghu jixhdu rapprezentanti ta` l-Awtoritajiet imsemmija u l-istess suppliers ;*

*"14. Illi inoltre il-konvenut sahansitra ssellef flus fuq l-idejn minghand terzi persuni li kienu sikwit imorru l-fabbrika tas-socjeta` konvenuta, fejn gieli r-rikorrent kien ikun prezenti, u jitolbu b`theddid lill-istess rikorrent li kien isellef il-konvenut ;*

*"15. Illi inoltre l-konvenut Camilleri ffrawdola wkoll terzi persuni, ex-klijenti tas-socjeta` konvenuta, billi kien jitlob hlas bil-quddiem ghal prodotti li qatt ma kien jissupplixxi. Minn naha taghhom dawn il-vittmi tal-qerq tal-konvenut Camilleri kienu jduru fuq ir-rikorrent, sikwit b`herra, ghal spjegazzjoni*

*"16. Illi meta ra hekk, ir-rikorrent irrizenja minn direttur tas-socjeta` konvenuta b`effett mis-6 ta` Mejju 2009 kif gia espost u ntavola protest gudizzjarju ossia protest numru 277/09 kontra l-konvenut ;*

*"17. Illi dak iz-zmien ukoll, ir-rikorrent skopra illi l-konvenut kien precedentement trasferixxa assi, principalment konsistenti f`makkinarju, tas-socjeta` konvenuta minghajr l-involviment tar-rikorrent u r-rikavat ta` l-istess qatt ma ddahhal fil-fondi ta` l-istess socjeta` kif jirrizulta aktar ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*"18. Illi inoltre l-konvenut misappropja flus tas-socjeta` konvenuta li thallsu minn Maria Dolores Aquilina, propjetarja ta` St Philip Confectionery, Zebbug, f`Dicembru 2008 ghal servizzi u prodotti pprovduti lilha mill-istess socjeta` u dan fl-ammont ta` sitta u ghoxrin elf sitt mija u wiehed u sebghin Ewro (€26,671) kif jixhdu diversi ricevuti, rendikont ta` liema jinsab hawn anness bhala Dok JJA6, liema flus qatt ma ghaddew f`idejn is-socjeta` konvenuta ;*

*"19. Illi inoltre l-konvenut ghan-nom tas-socjeta` konvenuta rcieva minghand impjegati ta` stabbiliment propjeta` tar-rikorrent, ossia St Philip Cpnfectionery, Rabat, is-somma ta` lieta u tletin elf disa` mija sitta u ghoxrin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€33,926.65) f`bejgh ghax-xahar ta` Dicembru 2008 kif jixhdu d-diversi ricevuti, rendikont ta` liema jinsab hawn anness bhala Dok JJA7, liema flus qatt ma ddahhlu mill-konvenut fil-fondi tas-socjeta` konvenuta ;*

*"20. Illi l-kontendenti kienu miftiehma li l-flus illi s-socjeta` ddahhal f`Dicembru kellhom imorru ghall-hlas ta` arretrati ta` FSS ta` l-impjegati ghas-sena bazi 2008 u bilanci precedenti u dana skont ftehim illi s-socjeta` konvenuta kellha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ;*

*“21. Illi fl-istess zmien inghalqet il-fabbrika tas-socjeta` konvenuta unilateralment mill-konvenut u l-konvenut konvenjentement halla Malta u rritorna biss f`Awissu wara li kkuntattja lir-rikorrent u talbu jhallaslu l-passagg lejn Malta sabiex ikun jista` jirritorna u jirregola l-posizzjoni tieghu u tas-socjeta` konvenuta. Ir-rikorrent fil-fatt hallas l-imsemmi passagg (kopja tal-biljett elettroniku annessa bhala Dok JJA8 ghal liema r-rikorrent qatt ma hallas, u l-konvenut rritorna Malta u minkejja diversi weghdiet li jregga` kollox lura ghan-normal, dan baqa` nadempjenti.*

*“22. Illi dan kollu gara fi zmien qasir u ghaldaqstant ir-rikorrent ma kienx u qatt ma seta` jkun konxju ta` dak li kien qed jigri;*

*“23. Illi inoltre lejn l-ahhar tal-2008, ir-rikorrent ta` renewal form ta` l-assikurazzjoni tal-vann, propjeta` tar-rikorrent izda li kien jintuza mis-socjeta` konvenuta sabiex il-konvenut ihallas l-istess assikurazzjoni u l-vann jibqa` kopert skont il-ligi ;*

*“24. Illi l-konvenut Camilleri naqas milli jhallas l-istess assikurazzjoni u konsegwentement ir-rikorrent gie mharrek, instab hati ta` reat f`dan is-sens u wehel multa ta` elfejn u tlett mitt Ewro (€2300) u sospensjoni tal-licenzja ta` sena bhala rizultat tan-negligenza tal-konvenut Camilleri. Ir-rikorrent ftiehem ma` l-intimat Camilleri sabiex dan ta` l-ahhar ihallas l-istess multa mill-fondi tas-socjeta` konventa entro t-terminu stipulat mill-Qorti ;*

*“25. Illi l-konvenut Camilleri hallas din il-multa permezz ta` cekkijiet li ma gewx onorati u konsegwentement ir-rikorrent spicca arrestat l-Ghassa ta` Haz-Zebbug sakemm hallas din il-multa u dan kif jirrizulta mill-anness Dok JJA9 ;*

*“26. Illi f`Jannar tas-sena 2010, ir-rikorrent rcieva kont tat-taxxa (ann Dok JJA10) li jmur lura diversi snin u dan minkejja li l-konvenut bhala direttur manigerjali tas-socjeta` konvenuta kien responsabbli ghall-hlas ta` taxxa u kien sahansitra regolarment jassikura lior-rikorrent illi l-kontijiet tat-taxxa kienu jithallsu regolarment ;*

*“27. Illi r-rikorrent jaf b`dawn il-fatti personalment.*

*“Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*"1. Tiddikjara illi r-rikorrent huwa kreditur tal-konvenut Camilleri fl-ammont ta` tmintax-il elf erba` mija u disgha u tmenin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€18,489.32) dovut kif fuq spjegat rapprezentanti l-ahhar bilanc li r-rikorrent hallas lill-Bank HSBC bhala garanti ta` l-istess ammont, u dana ai termini ta` l-Artikolu 1942 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*"2. Tikkundanna lill-konvenut Camilleri jhallas dan l-ammont ta` tmintax-il elf erba` mija u disgha u tmenin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€18,489.32) lir-rikorrent ;*

*"3. Tiddikjara illi r-rikorrent huwa kreditur tal-konvenut Camilleri fl-ammont ta` tlieta u disghin elf mija u tmienja u sebghin Ewro u seba` centezmi (€93,178.07) rapprezentanti nofs l-ammont illi r-rikorrent hallas lill-bank HSBC bhala wiehed mill-garanti ghad-dejn tas-socjeta` konvenuta, ossia l-ammont ta` mija u sitta u tmenin elf, tlett mija u sitta u hamsin Ewro u erbatax-il centezmu (€186,356.14) kif fuq spjegat, u dan ai termini ta` l-Artikolu 1949 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*"4. Tikkundanna l konvenut Camilleri ihallas l-istess ammont ta` tlieta u disghin elf mija u tmienja u sebghin Ewro u seba` centezmi (€93,178.07).*

*"5. Tiddikjara illi l-konvenut Camilleri, bhala direttur tas-socjeta` konvenuta, agixxa b`mod abbuziv u ultra vires kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u huwa unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrent u dana ai termini ta` l-Artikolu 147(1) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji.*

*"6. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrent kawza ta` tali mgieba illecita u abbuziva tal-konvenut, occorrendo ad opera ta` periti nominandi.*

*"7. Tikkundanna lill-konvenut Camilleri ihallas id-danni hekk likwidati.*

*"8. Tiddikjara illis s-socjeta` konvenuta ghandha tigi xolta u stralcjata ai termini ta` l-Artikoli 214(2)(b)(ii) u 214(2)(b)(iii) ta` l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, u ghar-ragunijiet hemm indikati.*

*"Dan taht dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.*

*"Bl-interessi u l-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` inibizzjoni numru 260/2010 u l-mandat ta` sekwestru numru 261/2010 li qed*

*jigu pprezentati kontestwalment ma` dan ir-rikors kontra l-konvenuti jew min minnhom.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

"Rat ir-**<u>risposta guramentata</u>** tal-<u>konvenuti kollha</u> prezentata fis-<u>26 ta' Marzu 2010</u> li taqra hekk–

*"1. Illi preliminarjament ir-rikors guramentat huwa null u inammissibbli in kwantu jipprospetta zewg azzjonijiet distinti u separati minn xulxin u naxxenti minn mertu differenti u ghaldaqstant improponibbli fl-istess kawza. In effetti l-attur qieghed jintavola proceduri ta` stralc flimkien ma` kawza ghad-danni.*

*"2. Illi preliminarjament ukoll din il-kawza ghandha timxi flimkien ma` kawza ohra li ghandha citazzjoni numru 135/10 JZM u li hija appuntata ghall-20 ta` April 2010.*

*"3. Illi preliminarjament ukoll, il-konvenut Camilleri fil-kwalita` tieghu personali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li se mai l-ammonti ta` €18,489.32 u €93,178.07 mitluba fl-ewwel erba` talbiet huma dovuti mill-kumpannija St Philip Caterers Limited u mhux minnu personalment stante li kienu djun ta` l-istess kumpannija.*

*"4. Illi ghal dak li jirrigwarda t-talbiet ghal-likwidazzjoni u hlas ta` danni, l-atturi m`ghandux interess guridiku biex iressaq dawn it-talbiet ghaliex l-Att dwar il-Kumpanniji, b`mod partikolari l-Artikolu 147(1) tal-istess Att kif citat mill-attur jikkontempla responsabilita` vis-a-vis il-kumpannija u mhux azzjonist partikolari.*

*"5. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut ma jahti ta` l-ebdanuqqasijiet imsemmija fir-rikors guramentat u konsegwentement m`ghandu jaghmel tajjeb ghall-ebda danni.*

*"6. Illi minghajr pregudizzju wkoll l-attur ma sofra l-ebda danni u kwindi m`hemm l-ebda danni x`jigu likwidati.*

*"7. Illi anzi kien l-attur stess illi b`agir tieghu pprecipita s-sitwazzjoni finanzjarja tas-socjeta` konvenuta liema agir jifforma l-mertu ta` l-annessa kontrotalba.*

*"8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

"Rat il-**kontrotalba** tal-konvenuti li taqra hekk :-

*"1. Illi l-kontendenti kienu shareholders fis-socjeta` St Philip`s Caterers Ltd fejn l-attur kellu 250 Ordinary Shares u l-konvenut 250 Ordinary Shares.*

*"2. Illi sussegwentement il-kontendenti kienu ffirmaw skrittura privata datata 1 ta` Dicembru 2008 li permezz taghha ftehmu li l-konvenut kellu jittrasferixxi l-ishma kollha tieghu fis-socjeta` St Philip`s Caterers Ltd lill-esponent u dan versu l-prezz ta` wiehed u tmenin elf hames mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€81,525). Fl-istess skrittura l-konvenut obbliga ruhhu li jkompli jiggarantixxi ghal-loans u overdraft li kien hemm ezistenti ma` l-HSBC Bank (Malta) plc ghall-perijodu hemm indikat.*

*"3. Illi l-attur dakinhar stess hallas lill-konvenut il-prezz patwit ta` wiehed u tmenin elf hames mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€81,525).*

*"4. Illi pero` l-konvenut kellu ripensament u effettivament irrifjuta li jittrasferixxi l-istess ishma ghal fuq isem l-attur bil-konsegwenza li sal-lum il-konvenut ghadu jidher bhala azzjonista tas-soicjeta` St Philip`s Caterers Ltd, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument ta` l-MFSA.*

*"5. Illi sussegwentement l-attur qabad u ha makkinarju u assi ohra appartenenti lis-socjeta` konvenuta b`tali mod illi a kawza ta` dan u agir iehor ta` l-attur is-socjeta` konvenuta gie kostretta illi taghlaq u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta` din il-kawza anke ramite recordings ta` CCTV camera.*

*"6. Illi b`konsegwenza ta` dan l-agir is-socjeta` konvenuta ilha maghluqa madwar sena u b`hekk gew ikkawzati danni konsistenti f`telf ta` assi, telf ta` profitti u f`imghaxijiet li nkorriet u ghada qed tinkorri.*

*"7. Illi a kawza ta` dan l-agir is-socjeta` konvenuta u l-konvenut personalmentr sofrew danni.*

*"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*"i) Tiddikjara illi bl-agir tieghu b`mod partikolari meta l-attur qabad u ha makkinarju u assi ohra appartenenti lis-socjeta` konvenuta huwa kkawza danni lill-konvenuti.*

*"ii) Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti, occorrendo bin-nomina ta` periti nominandi.*

*"iii) Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuti s-somma hekk likwidata.*

*"Bl-ispejjez u l-imghax u l-attur ingunt ghas-subizzjoni.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti ghall-fini tal-kontrotalba.

"Rat ir-**risposta guramentata ghall-kontrotalba** li l-atturipprezenta fl-20 ta` April 2010 u li taqra hekk –

*"1. Illi preliminarjament ir-rikors guramentat permezz ta` liema l-konvenuti rikonvenjenti ressqu l-kontrotalba taghhom huwa null stante illi ma thallsux l-ispejjez gudizzjarji skond il-ligi ghall-imsemmija kontrotalba ;*

*"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, il-pretensjonijiet tal-konvenuti rikonvenjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-sitwazzjoni prekarja tas-socjeta` St Philip Caterers Limited (C30507) hija unikament attribwibbli lill-konvenut rikonvenjent Antoine Camilleri bhala direttur manigerjali ta` l-istess socjeta` kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna*

*"3. Illi inoltre u kuntrarjament ghal dak allegat mill-konvenut rikonvenjenti l-makkinarju tas-socjeta` St Philip Caterers Limited ittiehed minn certu Melvin Theuma segwenti ftehim bejn l-istess Theuma, Antoine Camilleri, Jason Aquilina u Lawrence Camilleri quddiem l-avukat Dottor Matthew Brincat ;*

*"4. Illi dan il-ftehim kien fis-sens li Melvin Theuma kellu jiehu xi flus minghand Antoine Camilleri peress illi dan kien ghamel dejn mieghu, u ghaldaqstant il-partijiet qablu li Theuma kellu jbiegh il-makkinarju ta` l-imsemmija socjeta` bl-eccess tar-rikavat wara li jigi sodisfatt il-kreditu li huwa kellu ma` Antoine Camilleri, kellu jmur ghand Lawrence Camilleri, li wkoll kien u ghadu kreditur tas-socjeta` St Philip Caterers Limited ;*

*"5. Illi dakinhar li tmexxa l-makkinarju tas-socjeta` St Philip Caterers Limited kien hemm prezenti Antoine Camilleri li sahansitra kien hu li fetah il-fabbrika. Melvin Theuma li fil-fatt ha l-makkinarju skond il-ftehim fuq riferit, Jason Aquilina, sid il-fabbrika Frans Fenech, certu Amabile*

*Aquilina, certu Wayne Cassar kif ukoll sid l-istabbiliment Nomar Flour Supplies, li kien kreditur tas-socjeta` St Philip Caterers ;*

*"6. Illi dan ta` l-ahhar (sid in-Nomar Flour Supplies, isem incert) mar fuq il-post stante thassib illi kienet ser tizzarma l-fabbrika u jibqa` ma jithallasx u ghaldaqstant Melvin Theuma ghaddielu sitt elef Ewro (€6000) ghas-saldu sabiex ikun jista` trankwillament jiehu l-makkinarju kif miftiehem, kif fil-fatt gara ;*

*"7. Illi konferma ta` dan huwa l-fatt illi terzi persuni, uhud maghrufa u ohrajn le, sussegwentement xtraw minghand Melvin Theuma l-makkinarju li kien precedentement jappartjeni lis-socjeta` St Philip Caterers Limited, u li gie f`idejn l-istess Theuma bi tpacija ta` dejn li kien kkuntratta l-konvenut rikonvenjenti Antoine Camilleri ;*

*"8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.*

*"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikonvenjenti.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur rikonvenzjonat.

"Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Gunju 2010 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-partijiet fis-sens illi minhabba l-fatt illi din il-kawza u l-kawza Rik. Gur. Nru. 135/2010 JZM kienu relatati, iz-zewg kawzi kellhom jimxu flimkien, u li kwalsiasi provi li jinstemghu f`kawza jkunu jghoddu bhala prova fil-kawza l-ohra.

"Rat il-provi.

"Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet.

"Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-12 ta` Frar 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

"Rat l-atti l-ohra kemm ta` din il-kawza kif ukoll tal-kawza l-ohra.

"Rat is-sentenza li tat fil-kawza l-ohra.

**"Ikkunsidrat :**

**"II. <u>Provi</u>**

**"Huwa evidenti mill-atti tal-kawza tal-lum illi fil-kawza ma ngabrux provi partikolari ghal din il-kawza oltre l-provi dokumentarji li jaghmlu parti mill-atti taghhom. Fil-fatt il-provi kollha ngabru fil-kawza *Antoine Camilleri vs Jason Aquilina (Rik.***

***Gur. Nru. 135/2010 JZM)*** **li jghoddu bhala prova mhux biss f`dik il-kawza izda anke f`din tal-lum. Ghall-fini l-pronunzjament taghha tal-lum, il-Qorti taghmel riferenza ghall-esposizzjoni tal-fatti li ghamlet fil-kawza l-ohra**

**"Ikkunsidrat :**

**"III. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti</u>**

"Il-konvenuti qeghdin jeccepixxu n-**<u>nullita` tal-azzjoni attrici</u>** ghaliex skond il-konvenuti huwa nproponibbli li b`kawza wahda jitressqu tmien (8) talbiet : l-ewwel erbgha (4) sabiex il-konvenut Camilleri jigi kundannat ihallas flus lill-attur fuq il-premessa illi huwa debitur tal-attur ; it-tliet (3) talbiet ta` wara fejn l-attur qed jixli lill-konvenut Camilleri b`responsabilita` ghal danni ; u l-ahhar talba fejn l-attur qed jitlob ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija konvenuta. Biex isostnu l-eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jaghmlu riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/RCP</u>**) tat-30 ta` Jannar 2001 fil-kawza "**<u>Schembri vs Cutajar</u>**".

"Kif jirrizulta sahansitra mill-bran qasir li ccitaw il-konvenuti mis-sentenza riferita, dak li l-Qorti hemm iccensurat kien il-fatt illi ghax fil-kawzali tal-azzjoni l-attur hemm irrefera kemm ghal titolu kif ukoll ghal pussess, huwa dahhal dubju dwar il-kwalita` ta` azzjoni li kien ittenta u rrenda l-azzjoni neboluza meta fit-talbiet ma kienx car kienx qieghed jibbaza ruhu fuq titolu jew fuq pussess.

"Il-Qorti tghid illi l-kaz tal-lum huwa ghal kollox divers. Huwa evidenti li l-hsieb tal-attur bl-azzjoni tieghu tal-lum kienet l-ekonomija tal-gudizzju fis-sens illi inizja azzjoni wahda kontra zewg konvenuti b`talbiet li jolqtu konvenut u mhux iehor, pero` l-azzjoni twieldet minn agir ta` konvenut minnhom li skond l-attur gab telf fil-patrimonju tieghu, ikkaguna danni u gab konsegwenzi negattivi fuq is-socjeta` konvenuta li taghha t-tnejn l-attur u l-konvenut Camilleri huma l-azzjonisti b`ghadd ta` ishma ndaqs. Tista` tirnexxi l-azzjoni fil-mertu hija kwistjoni ohra. Kif daqstant iehor huwa divers l-argument jekk azzjoni hekk kif istitwita mill-attur tista` tkun. Fil-kaz tal-lum, mil-lat ta` impostazzjoni tal-azzjoni, il-Qorti mhijiex tara nullita`. Hemm rabta bejn il-kawzali u t-talbiet li jolqtu lill-konvenut Camilleri de proprio u fejn l-assjem ta` fatti kif prospettati mill-attur iwasslu skond hu ghat-talba li tinvesti lis-socjeta` konvenuta wahedha. Il-Qorti mhijiex tara konflitt jew kontradizzjoni fit-talbiet b`tali mod li l-konvenuti se jbatu pregudizzju fid-difiza taghhom. Daqstant iehor il-fatt illi xoljiment u stralc ta` kumpannija huwa regolat bil-Kap 386 ma jeskludix li azzjoni ghal xoljiment u stralc ta` kumpannija ma tistax issir fl-ambitu ta` azzjoni ghal allegat ksur ta` obbligazzjonijiet taht xi ligi ohra. Purche` il-kawzali u t-talbiet ikunu msejsa fuq principji tad-dritt u ndirizzati lejn dak li jkun fil-fatt il-legittimu kontradittur tal-azzjoni, allura l-azzjoni tregi. Anke l-fatt illi fil-kaz ta` xoljiment u stralc l-azzjoni ssir permezz ta` rikors, xejn ma jippreskludi lil min il-ligi tghid li ghandu dritt jibda l-azzjoni illi jaghmel hekk b`rikors guramentat minflok b`rikors

semplici. Fil-kaz ta` azzjoni ghal xoljiment u stralc, ma hemmx ir-rekwizit *ad validitatem* li l-azzjoni trid tinbena bilfors permezz ta` rikors semplici ad eskluzjoni ta` rikors guramentat.

"Biex azzjoni tkun nulla, skond l-Art 789 tal-Kap 12, in-nullita` trid tkun iddikjarat mil-ligi espressament jew ikun hemm vjolazzjoni tac-cirkostanzi mehtiega mil-ligi jew in-nuqqas ta` xi partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi espressament. Fil-kaz tal-lum, il-konvenuti ma ndikaw l-ebda disposizzjoni tal-ligi li fuqha qeghdin jibbazaw l-allegata **nullita**`. Lanqas ma ndikaw fejn kien il-pregudizzju li setghu garrbu bl-azzjoni attrici kif saret. Kull wiehed miz-zewg konvenuti jwiegeb skond it-talbiet kif gew indirizzati fil-konfront ta` kull wiehed.

"Fis-sentenza taghha tal-21 ta` Marzu 1988 fil-kawza "**Aquilina vs Aquilina**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"... illi l-allegata nullita` tac-citazzjoni qed tigi invokata fit-termini ta` l-artikolu 789(1) tal-Kap 12 li inter alia jipprovdi li l-eccezzjoni ta` nullita` ta` l-atti gudizzjarji tista` tinghata 1) jekk in-nullita` hija ddikjarata mil-ligi espressament 2) jekk l-att ikun mahrug minn Qorti nkompetenti ; 3) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi wkoll jekk mhux taht piena ta` nullita` u dan biss f`kaz ta` pregudizzju ; 4) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi espressament.*

*"... kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 1978 in re Teresa Vella vs Salvatore Conti (App. Kumm.) biex tigi ddikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta` evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut ;*

*"Din il-Qorti inoltre tul is-snin f`diversi sentenzi taghha applikat dan il-principju b`mod li fejn jew ikun jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew in-nuqqas fic-citazzjoni kienet taghmel tajjeb xi haga ohra ghalih, ma annullatx ic-citazzjoni (ara Savona vs Asphar deciza minn din il-qorti fit-23 ta` April 1945 u dik riportata fil-Vol XXXIV tal-Kollezzjoni a fol 313 ta` l-Ewwel Parti). Minbarra minn hekk gie diversi drab deciz u llum hu ormai pacifiku li nonostante l-fatt li citazzjoni jkollha xi haga mhux cara bizzejjed go fiha li pero` hi ccarata fid-dikjarazzjoni ta` l-attur dan hu bizzejjed biex isalva c-citazzjoni (ara Bonello vs Azzopardi, Vol XXXIX.II.556 ; Gerada vs Cassar, XXXIV.II.501 ; Muscat vs Borg et, XXXIX.II.575 u Demarco vs Fiteni XLI.II.1035).*

"Fil-kaz tal-lum irrizulta lil din il-Qorti rabta bejn il-kawzali u t-talbiet.

**"Il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti**.

**"Ikkunsidrat :**

**“IV. <u>L-ewwel u t-tieni talbiet attrici</u>**

“**<u>L-ewwel talba</u>** taghmel riferenza specifika ghall-**<u>Art 1942 tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk :-

*“(1) Il-garanti li jkun ħallas, għandu jedd idur kontra d-debitur prinċipali, sew jekk il-garanzija tkun ingħatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun ingħatat mingħajr dan ma kien jaf.*

*“(2) Dan il-jedd ta’ regress igħodd sew għall-kapital kemm għallimgħaxijiet u l-ispejjeż :*

*“Iżda, għal dawk li huma spejjeż, il-garanti m’għandux jedd ta’ regress ħlief għal dawk l-ispejjeż li jkun għamel wara li b’att ġudizzjarju, ikun għarraf lid-debitur prinċipali bil-molestji li jkun bata.*

“Skond ix-xiehda tar-rapprezentant tal-bank, id-debitur principali kienet il-kumpannija konvenuta.

“Din il-prova tirrispekkja t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti.

“Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Frar 2011 fil-kawza “**<u>Coleiro et vs Coleiro</u> <u>Auto Parts Limited</u>**”, din il-Qorti (**<u>PA/GC</u>**) qalet hekk :-

*“L-artikolu 1942(1) tal-Kodici Civili jistipula l-garanti, li jkun hallas, ghandu jedd idur kontra d-debitur principali, sew jekk il-garanzija tkun inghatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun inghatat minghajr dan ma kien jaf u dan ighodd sew ghall-kapital kif ukoll ghall-imghaxijiet. Galadarba l-atturi irnexxielhom jippruvaw it-talbiet taghhom u cioe’ li huma kienu garanti u li ghamlu l-pagament, din l-azzjoni u t-talbiet tal-atturi, skond l-imsemmi artikolu 1942 ghandhom jigu akkolti … l-atturi mhumiex debituri in solidum kif qed tallega s-socjeta konvenuta, imma kif gia spjegat huma garanti in solidum u din hija kawza mill-garanti in solidum kontra d-debitur principali. Kwindi, stante illi l-atturi huma garanti, u mhux ko–debituri, japplika l-artikolu 1942 ...”*

“Bl-ewwel talba, l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenut Camilleri huwa debitur tieghu, kif ukoll qieghed jitlob il-kundanna tal-istess konvenut ghall-hlas pretiz mill-attur. It-tieni talba hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba. Fl-ewwel talba hemm riferenza ghal dejn li kien hemm ma` HSBC Bank Malta plc li tieghu l-attur kien garanti. Ma jirrizultax li l-attur talab il-kundanna tal-konvenut St Philip Caterers Ltd biex thallsu dak li huwa hallas lill-HSBC Bank Malta plc. Il-Qorti ma tistax tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet kif dedotti kontra l-konvenut Camilleri ladarba skond l-Art 1942 tal-Kap 16 il-garanti ghandu jedd idur kontra d-debitur principali u mhux kontra l-garanti l-iehor.

**“Ikkunsidrat :**

**“V. <u>It-tielet u r-raba` talbiet attrici</u>**

“Fit-tielet talba, l-attur jaghmel riferenza ghall-**<u>Art 1949 tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk :-

*“(1) Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu daħlu garanti tal-istess debitur u għall-istess dejn, il-garanti li jħallas id-dejn għandu jedd idur kontra dawk l-oħra li jkunu garanti miegħu, kull wieħed minnhom għas-sehem tiegħu.*

*“(2) Il-garanti għandu dan il-jedd ta’ regress fil-każ biss li jkun ħallas f’wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan.*

“Ir-raba` talba hija konsegwenzjali ghat-tielet talba.

“Ghal dawn iz-zewg talbiet, il-konvenuti wiegbu bl-istess eccezzjoni numru tlieta (3). Kjarament il-konvenuti qeghdin ipoggu fl-istess keffa l-ewwel erba` talbiet u qeghdin jippretendu li ghandhom jigu trattati bl-istess mod ; fi kliem aktar car, respinti l-ewwel zewg talbiet, ghandhom jigu respinti t-tielet u r-raba` talbiet. Bhala fatt il-konvenuti mhux jikkontestaw li l-attur effettwa l-pagament tal-ammont indikat fit-tielet talba.

“**<u>L-Art 1949 tal-Kap 16</u>** jirreferi ghall-**<u>Art 1948 tal-Kap 16</u>**. Dan tal-ahhar jaqra hekk :-

*“Il-garanti, ukoll qabel ma jħallas, jista’ jaġixxi kontra d-debituri sabiex jiġi minnu rilevat -*

*“(a) jekk jiġi mħarrek għall-ħlas ;*

*“(b) jekk id-debitur ifalli jew isir mhux solvibbli, jew l-istat tiegħu jitbiddel u jkun hemm il-għaliex wieħed jibża’ li sejjer isir mhux solvibbli ;*

*“(ċ) jekk id-debitur ikun obbliga ruħu li għandu jeħilsu mill-garanzija fi żmien miftiehem, u dan iż-żmien ikun għalaq ;*

*“(d) jekk id-dejn ikun sar eżiġibbli billi jkun għalaq iż-żmien miftiehem għall-ħlas ;*

*“(e) jekk id-debitur ikun in mora fil-ħlas ;*

*“(f) egħluq sentejn, jekk ma jkunx ġie ffissat żmien għall-ħlas, u l-obbligazzjoni ma tkunx minnha nfisha tali li ma tistax tiġi mitmuma qabel żmien itwal.*

“Hemm imbaghad l-**<u>Art 1950 tal-Kap 16</u>** li jghid :-

*"Il-garanti li jħallas id-dejn jista' jitlob biss mingħand kull wieħed minn dawk li jkunu garanti miegħu s-sehem li għalih għandu jwieġeb kull wieħed minnhom, u huwa nnifsu, flimkien mal-garanti l-oħra, għandu joħroġ sehem għall-ishma tal-garanti mhux solvibbli, ukoll jekk, meta ħallas, ikun ħa mingħand il-kreditur ċessjoni espressa tal-jeddijiet tiegħu.*

"Minn qari ta` dawn it-tliet disposizzjonijiet flimkien, fil-kaz tat-tielet u tar-raba` talbiet, kuntrarjament ghal dak eccepit fit-tielet eccezzjoni, il-kwistjoni mhijiex aktar id-debitur principali izda l-garanti.

"Biex ighodd l-Art 1949, irid jigi ppruvat li l-hlas li qed jitlob l-attur huwa fost il-kazijiet elenkati fl-Art 1948. Fil-kaz tal-lum, l-aktar abbazi tal-provi akkwiziti, huwa evidenti li japplikaw il-paragrafu (b) billi rrizulta li d-debitur u cioe` St Philip Caterers Ltd mhijiex solvibbli tant li waqfet l-operat taghha, u l-paragrafu (e) billi rrizulta li d-debitur ma kienx qieghed ihallas b`mod regolari tant li l-bank dar fuq il-garanti ghall-pagament. Skond l-Art 1950, il-garanti huwa obbligat ihallas sehem il-garanti li mhuwiex solvibbli.

**"Il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` t-tielet u r-raba` talbiet u <u>tirrespingi</u> dik il-parti tat-tielet eccezzjoni li tolqot dawn it-talbiet partikolari.**

**"Ikkunsidrat :**

**"VI. <u>Il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet attrici</u>**

"It-talba principali mit-tlieta hija l-hames talba billi t-tnejn l-ohra huma konsegwenzjali.

"Il-konvenut laqa` ghal dawn it-tliet talbiet bir-raba` eccezzjoni.

"Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li kif dedotta l-hames talba hija legalment insostenibbli. U ghax hi hekk it-tnejn l-ohra ma jistghux jintlaqghu.

"Ir-responsabilita` *in solidum* ghal danni tad-diretturi ghal xi ksur ta` xi dmir taghhom skond l-Art 147(1) tal-Kap 386 hija mhijiex responsabilita` *erga omnes* izda tirrigwarda l-kumpannija.

"Jekk deherlu li bl-agir ta` l-konvenut (li kien direttur u azzjonista tal-kumpannija) l-kumpannija garrbet danni, u ndirettament anke hu, l-attur kellu rimedji ohra bhala azzjonista li ghalihom seta` jirrikorri a tenur tal-Kap 386 sabiex isostni l-pregudizzju tieghu u sahansitra jitlob permess mil-ligi sabiex jagixxi fl-interess tal-kumpannija. Izda certament illi ma setax l-attur jirrikorri ghad-disposizzjoni li ccita bhala l-bazi tal-hames talba u ghat-talbiet konsegwenzjali.ikkaguna danni lill-kumpannija u ndirettament lilu bhala azzjonist tal-istess kumpannija.

**"Il-Qorti qeghda <u>tilqa</u>` r-raba` eccezzjoni tal-konvenuti u <u>tichad</u> il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet attrici.**

**"Ikkunsidrat :**

**"VI. <u>It-tmien talba attrici</u>**

**"**L-attur qieghed jitlob ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija konvenuta abbazi :

(a) tal-**<u>Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386</u>**
(b) tal-**<u>Art 214(2)(b)(ii) tal-Kap 386</u>**

"Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-attur ghandu *locus standi* biex iressaq din it-talba a tenur tal-**<u>Art 218(1) tal-Kap 386</u>**.

"**<u>Bhala punt ta` dritt</u>, il-Qorti tghid illi kemm fil-kaz ta` wahda kif ukoll fil-kaz tal-ohra mid-disposizzjonijiet citati mill-attur, jekk xi wahda minnhom tirrizulta, allura mid-dicitura ta` kif jibda l-Art 214(2)(b) tal-Kap 386, il-Qorti tkun obbligata (*ghandha*) xxolji l-kumpannija.**

**"Ghalhekk il-Qorti sejra tqis l-ewwel x`irrizulta skond l-<u>Art 214(2)(b)(iii)</u>. Skond din id-disposizzjoni, il-Qorti *ghandha* xxolji kumpannija jekk tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc ta` kumpannija.**

"Is-sinjifikat ta` din id-disposizzjoni huwa car. Il-legislatur ihalli diskrezzjoni wiesa` lill-Qorti sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "gravi bizzejjed" li jwassluha sabiex taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u stralc. Fil-Kap 386 ma hemmx tifsira ta` "ragunijiet gravi". Il-Qorti ghalhekk ma ghandha tiskarta xejn. M`ghandhiex tillimita l-esercizzju tad-diskrezzjoni taghha ghal fatti jew cirkostanzi li jkunu sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors izda ghandha taghti piz ghal kull ma jigri anke wara sa ma tigi biex taghti d-decizjoni taghha.

**"Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti sabet illi bejn l-attur u l-konvenut – azzjonisti ndaqs tal-kumpannija konvenuta – tant kien hemm problemi u kwistjonijiet li - in sintesi jingabru fi sfiducja <u>assoluta</u> ta` wiehed fl-iehor - li wasslu *to a point of no return* fejn il-kumpannija oggettivament ma setghetx tibqa' topera. Id-dizgwid u t-tmexxija hazina kellhom effett tant negattiv li l-kumpannija ngabet fuq irkoptejha. Il-Qorti ghexet *di prima mano* l-klima ta` sfiducja kompleta bejn l-attur u l-konvenut anke bil-komportament taghhom waqt il-gbir tal-provi. Fil-kawza tal-lum kienet il-Qorti stess li semghet u gabret il-provi.**

"Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti kien ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed biex il-Qorti tordna

x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija konvenuta. Tghid hekk wara li hadet kont tal-ghadd ta` kredituri tal-kumpanija jaghmlu pressjoni kontinwa biex jithallsu l-krediti taghhom, it-tmexxija hazina prolungata tal-affarijiet tal-kumpannija li gabet sparpaljar ta' flus, konflitti bejn l-interess personali ta' l-azzjonisti u dawk tal-kumpannija, id-dissipar tal-assi tal-kumpannija nkluz il-mezzi li bihom il-kumpannija setghet tibqa` tipproduci, iddahhal il-flus, thallas id-djun u ddawwar ir-rota lejn il-posittiv.

"Sodisfatta kif inhi bil-prova ta` dak li jitlob l-**Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386** il-Qorti ma tarax il-htiega li taghmel ukoll analizi tal-elementi rikjesti mill-**Art 214(2)(b)(ii) tal-Kap 386**

**"Ikkunsidrat :**

**"VII. Il-kontrotalba**

"Il-konvenuti qeghdin jitolbu li jithallsu danni minghand l-attur. Qeghdin jimputaw dawn id-danni ghall-fatt li skond huma l-attur ha makkinarju u assi ohra tal-kumpannija konvenuta. Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti qalu car illi d-danni li qed jippretendu huma l-valur tal-makkinarju li ttiehed mill-attur.

"Din il-Qorti taghmel referenza ghall-provi li ngabru fil-kawza l-ohra. Hemm irrizulta li kienet saret skrittura ma' Melvin Theuma quddiem l-Av. Dr. Matthew Brincat sabiex dan Theuma li kien kreditur jiehu makkinarju mill-fabbrika bi hlas ghal dejn li kien ghamel il-konvenut Camilleri ghall-kumpannija konvenuta. Quddiem il-Qorti, ma ngabet l-ebda prova li l-makkinarju effettivament ittiehed mill-attur u ghall-vantagg jew interess tieghu personali hekk kif allega l-konvenut Camilleri fil-kontrotalba. Ghal kuntrarju, kollox jindika li dan il-makkinarju ttiehed minn Melvin Theuma u/jew kredituri ohra.

"Il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tkun akkolta l-kontrotalba peress illi l-konvenuti rabtu l-kontrotalba ma' talba ghal dikjarazzjoni mill-Qorti li l-attur ha l-makkinarju u assi ohra tal-kumpanija. Fil-fatt mill-provi rrizulta li kien il-konvenut Camilleri li ta l-awtorizzazzjoni tieghu sabiex l-assi jintuzaw biex jithallas id-dejn tal-kumpannija ma` Melvin Theuma.

**"Decide**

**"Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk :-**

**"Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.**

**"Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tas-seba` eccezzjonijiet tal-konvenuti.**

**"Tilqa` t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti limitatament fejn din tolqot l-ewwel u t-tieni talbiet attrici, u tichad l-istess eccezzjoni fejn tolqot it-tielet u r-raba` talbiet attrici.**

**"Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti.**

**"Tichad l-ewwel, it-tieni, il-hames, is-sitt u s-seba` talbiet attrici.**

**"Tilqa` t-tielet talba attrici.**

**"Tilqa` r-raba` talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenut Antoine Camilleri biex ihallas lill-attur l-ammont indikat fir-raba` talba, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat lill-istess konvenut.**

**"Riferibbilment ghat-tmien talba attrici, tiddikjara li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija St Philip Caterers Limited (C30507) skond l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri fejn it-tmien talba attrici tittratta dikjarazzjoni ta` xoljiment u l-istralc tal-istess St Philip Caterers Limited (C30507) skond l-Art 214(2)(b)(ii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**"Tordna x-xoljiment tal-kumpannija St Philip Caterers Limited (C30507) skond l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, b'effett mil-lum kif ighid il-*proviso* tal-Art 223(1) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta. Tordna wkoll l-istralc taghha.**

**"Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija St Philip Caterers Limited (C30507) bis-setghat u bid-dmirijiet li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet –**

**"(a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija konvenuta, kif irid l-Art 226 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jaghmel rapport lill-Qorti, kif irid l-Art 227 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**"(b) jaghmel verifika ta` l-assi u tad-djun tal-kumpannija konvenuta u, jekk ikun il-kaz, dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**"(c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija konvenuta, kif ighid u jrid l-Art 237 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**"(d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija konvenuta.**

**"(e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi li fadal tal-kumpannija konvenuta.**

**"(f) jipprezenta r-rapport mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**"Tilqa` t-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontrotalba.**

**"Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra.**

**"Tichad it-talbiet kollha rikonvenzjonali tal-konvenuti.**

**"B`applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li l-attur u l-konvenut Antoine Camilleri ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom fejn dawn l-ispejjez jirrigwardaw it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghal dawk it-talbiet, inkluzi l-ispejjez tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 260/2010 u tal-Mandat ta` Sekwestru Nru 261/2010.**

**"Tordna lill-konvenut Antoine Camilleri sabiex ihallas l-ispejjez kollha tal-kontrotalba u tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontrotalba.**

**"Fl-ahhar nett, b`applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li l-ispejjez tar-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija konvenuta u l-ispejjez l-ohra tal-istralc jithallsu *in solidum* mill-attur u mill-konvenut Antoine Camilleri."**

**RIKORS TAL-APPELL tal-konvenut Antoine Camilleri f' ismu proprju u fil-kwalita` tiegħu ta' direttur ta' St Philips Caterers Ltd; u tas-soċjeta` konvenuta St Philips Caterers Ltd (16.06.2014):**

3. Il-konvenuti ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew appell minnha.

4. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

(i) **<u>L-ewwel aggravju</u>**: (*<u>dwar l-ewwel eċċezzjoni</u>*)

Il-konvenuti jsostnu li ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħhom. Isostnu li l-attur ma setax jikkombina azzjoni għad-danni flimkien ma' proċeduri għall-istralċ tal-kumpanija. Jgħidu illi l-proċedura kkontemplata fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti l-istralċ tal-kumpaniji hija proċedura ad hoc, tant hu hekk li tiġi inizzjata b'rikors u mhux rikors ġuramentat. Għalhekk jargumentaw li ma tistax tiġi amalgamata ma' azzjoni għad-danni.

(ii) **<u>It-tieni aggravju</u>**: *(<u>dwar it-tielet u r-raba' talbiet attriċi</u>)*

Il-konvenut Antoine Camilleri jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti minkejja li "ġustament" ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi, imbagħad għaddiet biex tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet attriċi, għal liema talbiet huwa eċċepixxa bl-istess mod, cioe` li kellu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex se mai l-flus huma dovuti mill-kumpanija qua debitur prinċipali u mhux minnu. Jaċċenna għall-fatt li l-ewwel Qorti kienet tenniet li l-garanti għandu dritt jitlob nofs li jkun ħallas mingħand garanti ieħor għall-istess dejn, iżda jgħid li hija erronjament assumiet

li huwa kien ukoll garanti għall-kumpanija. Jaċċenna għall-iskritturi li saru fl-1 u fit-8 ta' Diċembru 2008 u jgħid li għalkemm hemm kontestazzjonijiet dwarhom kwantu għall-prezz, ma hemmx kontestazzjonijiet dwarhom fejn jingħad li l-attur Jason Aquilina obbliga ruħu li joqgħod garanti għall-obbligi tal-kumpanija. Jenfasizza li fuq l-iskrittura jingħad li obbliga ruħu li joqgħod bħala garanti (waħdu) u mhux bħala garanti flimkien miegħu.

(iii) **<u>It-tielet aggravju:</u>** *(dwar it-talbiet rikonvenzjonali)*

Dan l-aggravju jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti qalet li ma jirriżultax li l-makkinarju tal-kumpanija ittieħed mill-attur; anzi sostniet li jirriżulta li l-konvenut Antoine Camilleri ta l-awtorizzazzjoni tiegħu biex l-assi jintużaw biex jitħallas id-dejn tal-kumpanija ma' Melvin Theuma. Il-konvenut Antoine Camilleri isostni li jirriżulta l-kuntrarju. Jispjega li fil-perjodu meta skont l-attur, huwa (Antoine Camilleri) kien wasal f'arranġament ma' Melvin Theuma biex jieħu l-makkinarju, kien diġa` spussessat miċ-ċwievet tal-fabbrika wara li ġiegħluh jagħlaq: kwindi ma setax kien hu li awtorizza li l-makkinarju jieħdu Theuma. Isostni li dak iż-żmien iċ-ċavetta kienet f'idejn l-attur u allura ħadd ħliefu ma seta' orkestra t-teħid tal-makkinarju. Isostni

għalhekk li l-ewwel qorti kellha tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali. Jaċċenna għax-xiehda tal-accountant fejn qal li l-valur tal-makkinarju (bid-deprezzament) huwa ta' Lm63,000 u għalhekk isostni li l-ewwel Qorti kellha tillikwida d-danni mitluba fl-ammont ta' Lm63,000 (€146,750).

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-attur għar-rikors tal-appell tal-konvenuti (06.10.2014)</u>**

5. L-attur wieġeb biex jgħid għaliex l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż tal-appell kontra l-istess konvenuti.

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-attur (18.06.2014):</u>**

6. L-attur ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti in kwantu laqgħet parzjalment it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut u ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet tiegħu. Għalhekk interpona appell minnha.

7. Dwar dan l-aggravju tiegħu, jagħmel is-segwenti punti:

- L-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet tiegħu abbażi tal-Artikolu 1942 tal-Kodiċi Ċivili, cioe` li l-garanti li jkun ħallas jista' jdur kontra d-<u>debitur prinċipali</u>, għax irriteniet li skont ix-xiehda

tar-rappreżentant tal-bank (Monica Galea), id-debitur prinċipali kienet il-kumpanija konvenuta St Philip Caterers Ltd.

- Ir-rappreżentant tal-bank (Monica Galea) qalet li fir-rigward ta' wieħed mill-ammonti li qed issir mistoqsija dwaru, il-kont mhux f'isem St Philip Caterers Ltd iżda f'isem Antoine Camilleri.

- Dok MG5 juri li l-ammont ta' €18,489.32 ġie kkreditat fil-kont tal-konvenut Antoine Camilleri fit-18.12.2009.

- Dok MG10 juri li tali ammont ta' €18,489.32 oriġina mill-kont tal-attur u ta' martu.

- Dok JJA4 juri li fit-18.12.2009 sar kuntratt bejn il-bank HSBC u hu u martu, u wkoll is-soċjeta` JJA Developments Ltd, fejn *inter alia* ġie dikjarat li l-bank kien qed jirċievi mingħandu u mingħand martu s-somma ta' €18,489 "*in full and final settlement of their debts towards the bank as sureties of Antoine Camilleri*".

- Il-konvenut Antoine Camilleri innifsu fix-xiehda tiegħu tal-15 ta' Novembru 2011 ikkonferma li kemm id-dejn tal-kumpanija, kif ukoll id-dejn tiegħu personali mal-bank tħallsu minnu (l-attur) bħala garanti.

8. Il-konvenut Antoine Camilleri, debitament notifikat bir-rikors tal-appell tal-attur fil-21 ta' Lulju 2014 ma ppreżenta l-ebda risposta fir-rigward.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**A: Dwar l-appell tal-konvenuti:**

**(a) L-ewwel aggravju**

*(dwar l-ewwel eċċezzjoni):*

9. Il-konvenuti ħassewhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħhom li taqra hekk:

> *"Illi preliminarjament ir-rikors ġuramentat huwa null u inammissibbli in kwantu jipprospetta żewġ azzjonijiet distinti u separati minn xulxin u naxxenti minn mertu differenti u għaldaqstant improponibbli fl-istess kawża."*

10. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti qieset li l-azzjoni odjerna twieldet minn aġir ta' wieħed mill-konvenuti (Antoine Camilleri) li skont l-attur (Jason Aquilina) ġab telf fil-patrimonju tiegħu, ikkaġuna danni u ġab konsegwenzi negattivi fuq is-soċjeta` konvenuta (St Philip Caterers Ltd), li tagħha kemm Camilleri u Aquilina huma azzjonisti b'għadd ta' ishma indaqs. Ma dehrilhiex li l-impostazzjoni tal-azzjoni (kontra Camilleri għad-

danni, kif ukoll wkoll għall-istralċ tas-soċjeta`) tirrendi l-istess azzjoni nulla: enfasizzat li hemm rabta bejn il-kawżali u t-talbiet li jolqtu lill-konvenut Camilleri proprio u fejn l-assjem tal-fatti kif prospettati mill-attur iwasslu (skont hu) għat-talba li tirrigwarda lis-soċjeta` waħedha.

11. Qieset ukoll li bil-fatt li l-proċeduri ta' stralċ huma regolati taħt il-Kap 386 ma jfissirx li azzjoni għal stralċ ma tistax issir flimkien ma' azzjoni għall-allegat ksur taħt liġi oħra. Irriteniet li għalkemm il-proċeduri għal stralċ ma jirrikjedux li dawn jiġu inizjati b'rikors ġuramentat (kif huwa l-każ f'azzjoni għad-danni) iżda jirrikjedu biss rikors sempliċi, dan mhux rekwiżit *ad validitatem*, għaliex ma hemm xejn fil-liġi li jeskludi li azzjoni għal stralċ issir b'rikors ġuramentat.

12. Aċċennat għall-Artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk dwar l-eċċezzjoni tan-nullita` tal-atti ġudizzjarji:

*"(1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*

*"(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;*

*"(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*

*"(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*"(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*

*"Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d)*

*ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

*"(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħet tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità.*

u irriżultalha li l-każ ta' llum il-konvenuti ma ndikaw l-ebda dispożizzjoni tal-liġi li fuqha qed jibbażaw l-allegata nullita`, u lanqas ma ndikaw fejn kien il-preġudizzju li setgħu ġarrbu bl-azzjoni kif saret.

13. Fid-dawl ta' dan kollu ċaħdet l-aggravju.

14. Il-konvenuti jibqgħu jsostnu li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta f'dan ir-rigward.

15. Jisħqu partikolarment fuq il-fatt li l-proċedura għall-istralċ ta' kumpaniji tiġi inizzjata b'rikors u mhux rikors ġuramentat. F'dan ir-rigward, kif jindika ben tajjeb l-attur fir-risposta tal-appell tiegħu, hemm l-Artikolu 164 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmilha ben ċara li dan ma jwassalx għan-nullita` tal-proċeduri: Dan l-artikolu jipprovdi hekk (enfasi ta' din il-Qorti):

*"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175, ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor.*

*"(2) Ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors minflok tinġieb b'rikors ġuramentat:*

*"Iżda kull żieda addizjonali li ssir fl-ispejjeż għandha titħallas mill-attur:*

*"Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw meta skont xi liġi oħra li ma tkunx dan il-Kodiċi l-proċedimenti għandhom jinbdew b'rikors.*

16. Il-konvenuti jargumentaw wkoll illi huwa aċċettat li kawżali separati u distinti ma jistgħux jiġu amalgamati flimkien. Il-każ odjern pero` (kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti) huwa tali fejn il-kawżali kollha jirrigwardaw l-aġir tal-konvenut Camilleri li (allegatament) kellu effett ħażin:

(i) kemm fuq il-patrimonju tal-attur (għalhekk hemm talbiet għall-ħlas ta' ammonti u għal-likwidazzjoni tad-danni diretti kontra l-konvenut Camilleri);

(ii) kif ukoll fuq is-soċjeta` konvenuta li tagħha l-kontendenti għandhom ishma indaqs (għalhekk qed jintalab l-istralċ).

Għalhekk ma jistax jingħad li ma hemm l-ebda rabta bejn il-kawżali relattivi għat-talbiet diretti lejn il-konvenut Camilleri u l-kawżali relattivi għat-talba rigwardanti l-istralċ tas-soċjeta` konvenuta.

17. Isegwi allura li dan l-aggravju huwa infondat.

**(b) It-tieni aggravju**

*(dwar it-tielet u r-raba talbiet rigwardanti €93,178.07):*

18. L-attur Jason Aquilina fit-tielet talba tiegħu talab li jiġi dikjarat li l-konvenut Antoine Camilleri huwa kreditur tiegħu fl-ammont ta' **€93,178.07** (cioe` nofs l-ammont ta' €186.356.14 li huwa ħallas lill-Bank HSBC għad-dejn tas-soċjeta` konvenuta) ai termini tal-Artikolu 1949 tal-Kap 16 u fir-raba' talba tiegħu talab li l-istess Antoine Camilleri jiġi ordnat iħallsu dan l-ammont.

19. Il-konvenut Antoine Camilleri fit-tielet eċċezzjoni tiegħu qal li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex dan l-ammont ta' €93,178.07 kien dejn tal-kumpanija u mhux tiegħu personali.

20. L-ewwel Qorti qieset mhux biss l-Artikolu 1949 li jsemmi l-attur, iżda wkoll l-Artikoli 1948 u 1950 li jirregolaw il-garanti:

"**Artikolu 1948:**

"*Il-garanti, ukoll qabel ma jħallas, jista' jaġixxi kontra d-debituri sabiex jiġi minnu rilevat –*

*"(a) jekk jiġi mħarrek għall-ħlas;*

*"(b) jekk id-debitur ifalli jew isir mhux solvibbli, jew l-istat tiegħu jitbiddel u jkun hemm il-għaliex wieħed jibża' li sejjer isir mhux solvibbli;*

*"(c) jekk id-debitur ikun obbliga ruħu li għandu jeħilsu mill-garanzija fi żmien miftiehem, u dan iż-żmien ikun għalaq;*

*"(d) jekk id-dejn ikun sar eżiġibbli billi jkun għalaq iż-żmien miftiehem għall-ħlas;*

*"(e) jekk id-debitur ikun in mora fil-ħlas;*

*"(f) egħluq sentejn, jekk ma jkunx ġie ffissat żmien għall-ħlas, u l-obbligazzjoni ma tkunx minnha nfisha tali li ma tistax tiġi mitmuma qabel żmien itwal.*

"**Artikolu 1949**:

*"(1) Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu daħlu garanti tal-istess debitur u għall-istess dejn, il-garanti li jħallas id-dejn għandu jedd idur kontra dawk l-oħra li jkunu garanti miegħu, kull wieħed minnhom għas-sehem tiegħu.*

*"(2) Il-garanti għandu dan il-jedd ta' regress fil-każ biss li jkun ħallas f'wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan.*

"**Artikolu 1950:**

"*Il-garanti li jħallas id-dejn jista' jitlob biss mingħand kull wieħed minn dawk li jkunu garanti miegħu s-sehem li għalih għandu jwieġeb kull wieħed minnhom, u huwa nnifsu, flimkien mal-garanti l-oħra, għandu joħroġ sehem għall-ishma tal-garanti mhux solvibbli, ukoll jekk, meta ħallas, ikun ħa mingħand il-kreditur ċessjoni espressa tal-jeddijiet tiegħu.*"

21. Hija qieset li biex jgħodd l-Artikolu 1949, irid jiġi ippruvat li l-ħlas li qed jitlob l-attur huwa fost il-każijiet elenkati fl-Artikolu 1948. Irriżultalha li abbażi tal-provi akkwiżiti, japplikaw il-paragrafu (b) billi id-debitur (is-soċjeta` konvenuta) mhix solvibbli tant li waqqfet l-operat tagħha, u l-paragrafu (e) billi irriżulta li l-istess soċjeta` ma kinitx qed tħallas b'mod regolari tant li l-bank dar fuq il-garanti għall-pagament.

22. Qieset li it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut, li għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex id-dejn kien tal-kumpanija u mhux tiegħu personali) kienet irrilevanti għaliex hawn non si tratta dwar ta' min kien id-dejn, iżda invece si tratta dwar il-garanti. Hija kkonkludiet li ż-żewġ kontendenti kienu garanti tad-dejn tas-soċjeta` konvenuta (cioe` ta' €186,356.14) u allura ladarba dan tħallas mill-attur, fatt li ma ġiex ikkontestat mill-konvenuti, l-istess attur kellu d-dritt idur fuq il-konvenut Camilleri għas-sehem tiegħu (cioe` ta' nofs). Kien għalhekk li laqgħet it-tielet u r-raba' talbiet.

23. Il-konvenut Antoine Camilleri fl-appell tiegħu issa qed jargumenta li huwa ma kienx ukoll il-garanti tad-dejn tal-kumpanija flimkien mal-attur. Jaċċenna għall-iskritturi li saru fl-1 u fit-8 ta' Diċembru 2008 u jgħid li għalkemm hemm kontestazzjonijiet dwarhom kwantu għall-prezz, ma hemmx kontestazzjonijiet dwarhom fejn jingħad li l-attur Jason Aquilina obbliga ruħu li joqgħod garanti għall-obbligi tal-kumpanija. Jenfasizza li fuq l-iskrittura jingħad li obbliga ruħu li joqgħod bħala garanti (waħdu) u mhux bħala garanti flimkien miegħu.

24. Pero` dan l-argument ossia "difiża" tal-konvenut li huwa mhux ko-garanti tad-dejn tal-kumpanija ma tqajmitx minnu bħala eċċezzjoni. Fil-fatt l-attur fir-risposta tal-appell tiegħu jargumenta li l-fatt li Camilleri kien ko-garanti miegħu għad-dejn tal-kumpanija mhux ikkontestat, tant li l-

istess Camilleri ma ressaq l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens. (Din il-Qorti ukoll tosserva li d-dokument tal-bank Dok JJA1[1] jikkonferma li Camilleri kien ko-garanti.)

25. Kif ingħad, id-difiża tal-konvenut fir-rigward tat-talba tal-attur biex jiġi ordnat iħallas nofs id-dejn tal-kumpanija li għamel tajjeb għalih hu, kienet sempliċiment li huwa mhux il-leġittimu kontradittur għaliex id-dejn kien tal-kumpanija u mhux tiegħu personali.

26. Ladarba din il-kwistjoni ma ġietx kombattuta quddiem l-ewwel Qorti, teknikament mhux kompitu ta' din il-Qortitli tidħol fiha hi. Fi kwalunkwe każ, għalkemm fuq l-iskrittura (kemm tal-01.12.2008 u kif ukoll tat-08.12.2008) Jason Aquilina iddikjara li kien ser jibqa' jagħmel tajjeb għad-dejn tal-kumpanija:

> *"…..Qed jigi miftiehem ukoll li jiena Jason John Aquilina qed nghati l kunsens Tieghaj li nibqa nghamel tajjeb ghal Loans u Over draft li hemm ezistenti ma l-HSBC li hemm jinsabu fil-Kumpanija u dan ghal zmien[2]….."*

dan ma jfissirx neċessarjament li kien qed jintrabat jagħmel tajjeb għad-dejn tal-kumpanija waħdu kif qed jippretendi Camilleri. Wieħed irid jinterpreta din id-dikjarazzjoni fil-kuntest tal-iskrittura (jew skritturi) li

---

[1] Fol 8

[2] fl-iskrittura tal-01.12.2008 iddikjara li kien ser jibqa' jagħmel tajjeb għad-dejn għal żmien 5 snin, u fl-iskrittura tat-08.12.2008 iddikjara li kien ser jibqa' jagħmel tajjeb għad-dejn għal żmien sentejn.

permezz tagħha l-kontendenti kienu ftehmu kien li Jason Aquilina kellu jittrasferrixxi l-ishma tiegħu fil-kumpanija lil Antoine Camilleri għall-prezz indikat. Wieħed irid ukoll japprezza li l-iskrittura jidher li saret mill-kontendenti stess, u mhux quddiem xi bniedem professjonali bħal nutar (fil-fatt hija miżgħuda bi żbalji ortografiċi) u għalhekk aktarx li Jason Aquilina sempliċiment ried ifisser li anke wara t-trasferiment tal-ishma tiegħu fil-kumpanija lil Antoine Camilleri, xorta kien ser jibqa' ko-garanti ma' Antoine Camilleri fir-rigward tad-djun tal-kumpanija.

27. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti jirriżultalha li dan l-aggravju huwa ukoll infondat.

**(c) <u>It-tielet aggravju:</u>**

*(dwar it-talbiet rikonvenzjonali)*

28. Il-konvenuti kienu għamlu kontro-talba fejn talbu li jiġi dikjarat li l-aġir tal-attur Jason Aquilina, partikolarment meta ħa makkinarju u assi oħra appartenenti lis-soċjeta` konvenuta ikkawża danni lill-konvenuti; talbu li tali danni jiġu likwidati u li l-attur jiġi ikkundannat iħallashom tali somma hekk likwidata.

29. L-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali. Irriżultalha li kienet saret skrittura ma' Melvin Theuma (li kien kreditur) quddiem l-avukat Dr

Matthew Brincat sabiex dan Theuma jieħu makkinarju mill-fabbrika bi ħlas għal dejn li kien għamel il-konvenut Camilleri għall-kumpanija konvenuta. Qieset li ma nġabet l-ebda prova li l-makkinarju kien ittieħed mill-attur għall-vantaġġ jew interess tiegħu personali; anzi kollox jindika li l-makkinarju fil-fatt ħadu Melvin Theuma u/jew kredituri oħra. Irriżultalha li fil-fatt kien il-konvenut Camilleri li ta l-awtorizzazzjoni tiegħu biex l-assi jintużaw biex jitħallas id-dejn tal-kumpanija ma' Melvin Theuma.

30. Il-konvenut Antoine Camilleri ħassu aggravat bil-fatt li l-kontro-talba tiegħu ġiet miċħuda u fl-appell tiegħu isostni li invece jirriżulta l-kuntrarju ta' dak li qalet l-ewwel Qorti. Isostni li fil-perjodu meta skont l-attur, huwa (Antoine Camilleri) kien wasal f'arranġament ma' Melvin Theuma biex jieħu l-makkinarju, kien diġa` spussessat miċ-ċwievet tal-fabbrika wara li ġiegħluh jagħlaq: kwindi ma setax kien hu li awtorizza li l-makkinarju jieħdu Theuma. Isostni li dak iż-żmien iċ-ċavetta kienet f'idejn l-attur u allura ħadd ħliefu ma seta' orkestra t-teħid tal-makkinarju. Isostni għalhekk li l-ewwel Qorti kellha tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali. Jaċċenna għax-xiehda tal-accountant fejn qal li l-valur tal-makkinarju (bid-deprezzament) huwa ta' Lm63,000 u għalhekk isostni li l-ewwel Qorti kellha tillikwida d-danni mitluba fl-ammont ta' Lm63,000 (€146,750).

31. Din il-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda ta' Dr Matthew Brincat[3], li Melvin Theuma kien klijent tiegħu. L-avukat Brincat xehed li l-kontendenti Aquilina u Camilleri kienu marru għandu flimkien ma' Melvin Theuma biex jagħmlu skrittura. Xehed hekk:

> "*L-iskrittura kienet ser issir għaliex is-sinjuri Camilleri u Aquilina kellhom jagħtu, jew Camilleri kellu jagħti xi flus lil dal-klijent tagħna u peress li kellhom xi problemi xtaq li jħallsu in kind b'xi magni, xi apparat etc. Li ġara huwa li rrediġejna din l-iskrittura bejn ġie kkwantifikat l-ammont, ġie kwantifikat li ħa jieħu dawk l-affarijiet. Biss kien hemm pendenza li l-klijent tiegħi xtaq li din timmaterjalizza jekk effettivament jieħu l-pussess effettiv ta' dawn l-affarijiet. Għamilna ukoll inventarju ta' x'kellu jkun is-sustanza li biha ħa jitħallas u ftehmu li kellhom jieħdu passi ħalli effettivament joħduhom. Dakinhar ġiet iffirmata dik l-iskrittura bejn il-partijiet u ħallewha għandi u dakinhar ħadd minnnhom ma talabni kopja għall-unika raġuni li riedu javveraw liema minnhom ħa jieħdu. Jiġifieri over the weekend ittieħdu l-affarijiet u s'hemmhekk naf…*
>
> "*Li nista' ngħid ukoll, is-sur Camilleri kien iffirmaha imma s-sur Aquilina ma kienx għażel li jiffirmaha, kemm kien preżenti l-uffiċċju jiġifieri. …*
>
> *"Jekk m'inix sejjer żball is-Sur Camilleri iffirma u s-sur Theuma. Is-sur Aquilina għalkemm kien preżenti ma ffirmahiex."*

32. Dan kollu jindika li l-konvenut ta l-awtorizzazzjoni tiegħu sabiex il-kreditur Theuma jitħallas għall-kreditu tiegħu *in kind* permezz ta' oġġetti. Kif jargumenta l-attur fir-risposta tal-appell tiegħu, Camilleri ma jistax jitwemmen meta jallega li hu (Aquilina) qabad u ħa xi makkinarju, meta kien hu stess (Camilleri) li ffirma biex dan jittieħed minn Theuma. Dwar l-allegazzjoni ta' Camilleri li hu kien spussessat miċ-ċwievet tal-fabbrika meta ttieħed il-makkinarju u allura ma setax awtorizza t-teħid, din il-Qorti

[3] Xiehda mogħtija fit-18 ta' Novembru 2010, fl-atti tal-kawża Antoine Camilleri vs Jason Aquilina (135/2010) fol 158-161.

ma tifhimx kif waħda għandha x'taqsam mal-oħra. Mix-xiehda tal-avukat Brincat jirriżulta li Camilleri kien awtorizza t-teħid u għalhekk meta ttieħed il-makkinarju, irrispettivament minn jekk kellux iċ-ċwievet jew le, ma jistax jingħad li ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni tiegħu.

33. Għalhekk din il-Qorti jirriżultalha li dan l-aggravju huwa ukoll infondat.

34. **Isegwi għalhekk li l-appell tal-konvenuti huwa kompletament infondat u jimmerita li jiġi miċħud.**

**B: Dwar l-appell tal-attur:**

*(L-aggravju tiegħu jirrigwarda l-ewwel u t-tieni talbiet rigwardanti €18,489.32)*

35. L-attur Jason Aquilina fl-ewwel talba tiegħu talab li l-konvenut Antoine Camilleri jiġi dikjarat kreditur tiegħu fl-ammont ta' **€18,489.32** rappreżentanti l-aħħar bilanċ li huwa ħallas lill-bank HSBC bħala garanti tal-istess ammont, u dana ai termini tal-**Artikolu 1942** tal-Kap 16 u fit-tieni talba tiegħu talab li l-istess Antoine Camilleri jiġi ordnat iħallsu dan l-ammont.

36. Il-konvenut Antoine Camilleri fit-tielet eċċezzjoni tiegħu qal li

għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex dan l-ammont ta' €18,489.32 kien dejn tal-kumpanija u mhux tiegħu personali.

37. L-ewwel Qorti qieset l-**Artikolu 1942:**

*"(1) Il-garanti li jkun ħallas, għandu jedd idur kontra d-debitur prinċipali, sew jekk il-garanzija tkun ingħatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun ingħatat mingħajr dan ma kien jaf.*

*"(2) Dan il-jedd ta' regress igħodd sew għall-kapital kemm għall-imgħaxijiet u l-ispejjeż:*

*"Iżda, għal dawk li huma spejjeż, il-garanti m'għandux jedd ta' regress ħlief għal dawk l-ispejjeż li jkun għamel wara li b'att ġudizzjarju, ikun għarraf lid-debitur prinċipali bil-molestji li jkun bata."*

u rriżultalha li skont ir-rappreżentant tal-bank (ċertu Monica Galea), id-"*debitur prinċipali*" kienet is-soċjeta` konvenuta. Għalhekk ikkonkludiet li ma setgħetx tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet kif dedotti kontra l-konvenut Camilleri ladarba skont l-Artikolu 1942 il-garanti għandu jedd idur kontra d-debitur prinċipali u mhux kontra l-garanti l-ieħor.

38. Fil-premessi tar-rikors ġuramentat l-attur kien spjega li l-konvenut Camilleri kien daħal bi sħab miegħu fil-kumpanija wara li xtara l-ishma ta' ċertu Peter Saffrett, u li biex l-istess Camilleri seta' jixtri l-ishma mingħand Saffrett kien ħa loan mill-bank HSBC. Qal li huwa (l-attur) kien għamel tajjeb lill-konvenut bħala garanti għad-dejn mal-bank HSBC fl-ammont ta' Lm72,000 (€167,760). Kompla jgħid li wara li l-konvenut biegħ xi proprjeta` li kellu Ħal Qormi, ħallas €116,500 mill-imsemmi dejn u

għalhekk kien baqagħlu €51,260. Qal li għalkemm bejn Mejju 2006 u Novembru 2006 il-konvenut kien jagħmel pagamenti regolari lill-bank sabiex iħallas id-dejn tiegħu, huwa imbagħad waqaf, u l-bilanċ rimanenti, ta' €18,489.32 spiċċa ħallashom hu fit-18 ta' Diċembru 2008 qua garanti.

39. Fix-xiehda tagħha quddiem il-Qorti, Monica Galea,[4] ir-rappreżentant tal-bank spjegat li ġiet interpellata tagħti rendikont tal-kontijiet tas-soċjeta` konvenuta, pero` qalet li fir-rigward ta' wieħed mill-ammonti li kienet qegħda tiġi mistoqsija dwaru, il-kont ma kienx f'isem is-soċjeta` konvenuta iżda f'isem il-konvenut Antoine Camilleri (personalment). Hija fil-fatt ippreżentat statement ta' tali kont, bin-numru 013162466300 (Dok MG5[5]). Fuq dan l-istatement hemm indikat li sat-18 ta' Diċembru 2009 id-debitu prinċipali kien ta' €17,686.38 u li l-imgħax kien ta' €802.94 (flimkien jiġu €18,469.32). Dan il-bilanċ jidher li tħallas għaliex imbagħad il-bilanċ jidher 0.00.

40. Issa proprju fit-18 ta' Diċembru 2009 jirriżulta li sar kuntratt (Dok JJA4)[6] bejn il-bank HSBC, l-attur u martu Natalina (bħala customers/ borrowers), u l-kumpanija JJA Developments Ltd (bħala surety). *Inter alia* ġie dikjarat li l-bank kien qed jirċievi mingħand l-attur u martu is-somma ta' €18,489.32 "*in full and final settlement of their debts towards the bank*

[4] Xiehda tal-15 ta' Novembru 2011 fl-atti tal-kawża 135/10/JZM, fol 270 et seq
[5] Fol 286 fl-atti tal-kawża 135/10/JZM
[6] Fol 32 et seq

*as sureties of Antoine Camilleri…"* Ir-rappreżentant tal-bank fil-fatt esebiet ċekk f'dan l-ammont (Dok MG8)[7] li huwa datat 18 ta' Diċembru 2009.

41. Ikkunsidrat dan kollu, jidher li l-attur għandu raġun li jħossu aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet tiegħu, għaliex fir-rigward tal-ammont ta' €18,489.32, id-"debitur prinċipali" ai termini tal-Artikolu 1942 fil-fatt jiġi li huwa Antoine Camilleri u mhux is-soċjeta` konvenuta, kif irriteniet l-ewwel Qorti. Għalhekk it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut (li mhux il-leġittimu kontradittur) in kwantu tirrigwarda dan l-ammont tirriżulta infondata u timmerita li tiġi miċħuda, u l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur jimmeritaw li jintlaqgħu.

42. Isegwi għalhekk li l-appell tal-attur Jason Aquilina jirriżulta fondat u jimmerita li jiġi milqugħ.

**<u>DECIDE</u>**

43. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell tal-konvenut u tilqa' l-appell tal-attur.

44. Konsegwentement qegħda:

[7] Fol 289 fl-atti tal-kawża 135/10/JZM

(a) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Camilleri fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talbiet, u minflok tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Camilleri fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talbiet;

(b) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur u ghalhekk tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur;

45. L-ispejjeż tal-appell tal-attur għandhom jitħallsu mill-konvenut Antoine Camilleri.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr